Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,373, 10 ta' Jannar, 2025
Taqsima B

A.L. 10 tal-2025

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Iskedi li jinsabu mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

Kap. 318.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ kif ġej:

(a) l-Għaxar Skeda għandha titqies li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024; u

(b) it-Tielet, is-Sitt, is-Seba', it-Tmien, id-Disa', it-Tnax u l-Erbatax-il Skeda għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fis-6 ta' Jannar 2024.

Jissostitwixxi t-Tielet Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

2. It-Tielet Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

B 58

"IT-TIELET SKEDA
(artikoli 18, 28, 29, 30, 69)

TAQSIMA I
Rati ta' Benefiċċji għal Mard, għal Disimpjieg, għal Disimpjieg Speċjali u għal Korriment, Għotja għal Korriment u Pensjoni għal Korriment

A. Tip ta' Benefiċċju	**Rata ta' Kuljum ta' Benefiċċju**	
	Ġenitur Singlu jew Persuna Miżżewġa li qiegħda tmantni lill-Konjuġi u li ma tkunx impjegata fuq bażi full-time	**Kwalunkwe Persuna Oħra**
Benefiċċju għal Mard	€24.56	€15.91
Benefiċċju għal Korriment	€36.85	€27.73

B. Tip ta' Benefiċċju	**Rata ta' Kuljum ta' Benefiċċju**
Benefiċċju għal Diżimpjieg	L-ewwel sitta u tletin (36) ġurnata ta' diżimpjieg jitħallsu b'rata ta' 60% tas-salarju jew il-qligħ tal-persuna
	Is-sittin (60) ġurnata ta' wara ta' diżimpjieg jitħallsu b'rata ta' 55% tas-salarju jew il-qligħ tal-persuna
	Matul l-aħħar sittin (60) ġurnata ta' diżimpjieg titħallas ir-rata ta' 50% tas-salarju jew il-qligħ tal-persuna
	Ir-rata minima tinħadem fuq mija fil-mija (100%) tal-Paga Minima Nazzjonali Ir-rata massima tinħadem fuq mija u ħamsa u sebgħin fil-mija (175%) tal-Paga Minima Nazzjonali

TAQSIMA II
Ammonti ta' Għotja għall-Korriment

Grad ta' Korriment	**Ammont ta' Għotja**
%	€
1	293.23
2	583.36
3	879.52
4	1172.62
5	1465.65
6	1758.79
7	2051.93
8	2345.09
9	2638.24
10	2931.34
11	3224.45
12	3517.60
13	3810.73
14	4103.88
15	4396.93
16	4690.01
17	4983.18
18	5276.25
19	5569.42

TAQSIMA III
L-Ogħla Rata ta' Pensjoni għall-Korriment

Rata fil-Ġimgħa
€84.09

TAQSIMA IV
Allowance ta' Ltim

Rata fil-Ġimgħa
€74.70

TAQSIMA V
Allowance Supplimentari ta' Ltim

Rata fil-Ġimgħa
€126.66".

Jissostitwixxi s-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

3. Is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IS-SITT SKEDA
(artikoli 26, 27, 30, 66, 68, 90A, 93, 129)

TAQSIMA I
Rati ta' Skala ta' Għajnuna Soċjali fil-ġimgħa inklużi kwalunkwe miżuri taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A

Familja b'Membru WIEĦED Biss Eliġibbli
€133.89

Meta n-numru ta' membri eliġibbli fil-familja jaqbeż in-numru indikat fit-Tabella ta' hawn fuq, ir-rata fil-ġimgħa rispettiva hemm indikata għandha tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa fir-rigward ta' kull membru ieħor eliġibbli f'dik il-familja.

TAQSIMA II
L-Ogħla Rata ta' Pensjoni tal-Età fil-ġimgħa, inklużi kwalunkwe żidiet taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A

Kategorija tal-Pensjonant	**L-Ogħla Rata ta' Pensjoni tal-Età fil-ġimgħa**
1. Koppja miżżewġa fejn iż-żewġ konjuġi jikkwalifikaw għal pensjoni taħt l-artikolu 66.	€181.56
2. Koppja miżżewġa fejn wieħed biss mill-konjuġi jikkwalifika għal pensjoni taħt l-artikolu 66.	€135.18
3. Persuni romol, persuni waħedhom jew persuna miżżewġa fejn il-konjuġi jirċievi Servizz Residenzjali Finanzjat mill-Istat skont l-artikolu 93.	€148.79

TAQSIMA III
L-Ogħla Rata ta' Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa, Assistenza għal Diżabilità Severa, Assistenza għal Diżabilità u Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta fil-ġimgħa, inkluża kwalunkwe żieda taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90B

Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa €192.19
Assistenza għal Diżabilità Severa €124.66
Assistenza għal Diżabilità €99.13
Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta €124.66

TAQSIMA IV
L-Ogħla Rata ta' Allowance għal Carer u Allowance Miżjuda għal Carer fil-ġimgħa, inkluża kwalunkwe żieda taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90B

L-Ogħla Rata ta' Allowance għal *Carer* fil-ġimgħa €120.68
L-Ogħla Rata ta' Allowance Miżjuda għal *Carer* fil-ġimgħa €173.78

TAQSIMA V
Kera tad-dar

Ir-rati li jinsabu fit-Taqsimiet I, II, III u IV għandhom jiżdiedu b'€1.16 fil-ġimgħa jekk il-familja tkun qiegħda tħallas kera għall-post ta' abitazzjoni normali tagħha:

Iżda meta aktar minn familja waħda tkun qiegħda tgħix fl-istess fond, l-allowance għall-kera għandha titħallas darba waħda biss u għandha titħallas lill-kap tal-familja li jkun responsabbli għall-ħlas ta' tali kera lil partijiet terzi.

Iċ-ċens li jitħallas minn familja fir-rigward ta' fond miżmum b'ċens għal perjodu ta' mhux aktar minn ħamsa u għoxrin (25) sena għandu jitqies li jkun il-kera tad-dar għall-finijiet ta' din il-partita jekk tali fond ikun qiegħed jintuża mill-familja esklussivament u unikament bħala residenza.".

Jissostitwixxi s-Seba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

4. Is-Seba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IS-SEBA' SKEDA
(artikolu 20)

Skala ta' Rata tal-Mezzi li jirregolaw l-Għajnuna għal Mard

Numru ta' Persuni fil-Familja	Skala ta' Rata
Persuna waħda biss	€22.00

Meta n-numru ta' membri fil-familja jkun iżjed minn wieħed, ir-rata fil-ġimgħa fit-Tabella ta' hawn fuq għandha tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa fir-rigward ta' kull membru ieħor f'dik il-familja.".

Jissostitwixxi t-Tmien Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

5. It-Tmien Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IT-TMIEN SKEDA
(artikolu 23)

TAQSIMA I
Skala ta' Rata tal-Mezzi li jirregolaw l-Għajnuna Medika bla Ħlas meta l-kap tal-familja jkollu impjieg assigurabbli jew ikun jaħdem għalih innifsu

Numru ta' Persuni fil-Familja	Skala ta' Rata
Persuna waħda biss	€187.96

Meta n-numru ta' membri fil-familja jkun iżjed minn wieħed, ir-rata fil-ġimgħa fit-Tabella ta' hawn fuq għandha tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa fir-rigward ta' kull membru ieħor f'dik il-familja.

TAQSIMA II
Skala ta' Rata tal-Mezzi li jirregolaw l-Għajnuna Medika bla Ħlas meta l-kap tal-familja ma jkollux impjieg assigurabbli u lanqas ma jkun jaħdem għalih innifsu

Numru ta' Persuni fil-Familja	Skala ta' Rata
Persuna waħda biss	€27.37

Fejn in-numru ta' membri fil-familja jkun iżjed minn wieħed, ir-rata fil-ġimgħa indikata hawn fuq għandha tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa fir-rigward ta' kull membru ieħor f'dik il-familja.".

Jissostitwixxi d-Disa' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

6. Id-Disa' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"ID-DISA' SKEDA
(artikolu 25)

Ammonti ta' Għajnuna għal Mard, Għotja għal Ħalib, Għajnuna dwar il-Lebbra u Għajnuna dwar it-Tuberkuloż

Tip ta' Għajnuna	Rata fil-Ġimgħa
1. Għajnuna għal Mard:	
(i) fir-rigward tal-ewwel membru tal-familja;	€32.39
(ii) fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-istess familja.	€32.39
2. Għotja għal Ħalib.	€28.20
3. Għajnuna dwar il-Lebbra:	
(i) fir-rigward tal-kap ta' familja li jkun lebbruż;	€42.52
(ii) fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-familja li jkun lebbruż u li ma jkunx jaħdem bi qligħ:	
(a) jekk ikollu inqas minn sittax-il (16) sena;	€28.20
(b) jekk ikollu sittax-il (16) sena jew iktar;	€43.52
(iii) fir-rigward ta' kwalunkwe membru ieħor tal-familja li ma jkunx qiegħed jaħdem bi qligħ.	€28.20
4. Għajnuna dwar it-Tuberkuloż:	
(i) l-ammont bażiku ta' għajnuna dwar it-tuberkuloż li jitħallas fir-rigward ta' familja li membru wieħed tagħha huwa affettwat mit-tuberkoloż;	€35.18
(ii) allowance li titħallas fir-rigward ta' kull membru addizzjonali tal-familja affettwat minn, jew partikolarment vulnerabbli għat-tuberkoloż.	€24.94".

7. L-Għaxar Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja: Jissostitwixxi l-Għaxar Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

B 64

"L-GĦAXAR SKEDA
(artikoli 7, 10, 16, 17, 116)

RATI TA' KONTRIBUZZJONIJIET

TAQSIMA I
Kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi
(Persuni Impjegati)

Kategorija	Tip ta' Persuni Impjegati	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzz-joni li għandha titħallas mill-Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-Prinċipal
A	Persuni taħt it-tmintax (18)-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom ma jeċċedix €213.54.	€6.62	€6.62
B	Persuni 'l fuq minn tmintax (18)-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom ma jeċċedix €213.54.	€21.35 jew, jekk il-persuna assigurata li hija impjegata fuq bażi part-time tagħżel, 10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika fil-ġimgħa ta' tali persuna jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar ta' tali persuna **(Vide Nota 1 hawn taħt).**	€21.35

Ċ	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar teċċedi €213.55 iżda ma teċċedix €423.07.	10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar.	10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar.
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar jeċċedi €213.55 iżda ma teċċedix €532.28 **(Vide Nota 2 hawn taħt)**.		
D	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom teċċedi €423.08.	€42.31	€42.31
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom jeċċedi €532.29 **(Vide Nota 2 hawn taħt)**.	€53.23	€53.23

E	Persuni taħt it-tmintax (18)-il sena li jkunu qegħdin isegwu kors ta' studju full-time jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-Extended Training Schemes, iżda eskludi l-Iskemi ta' Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perjodi distinti ta' xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni.	10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €4.38.	10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €4.38.
F	Persuni 'l fuq minn tmintax (18)-il sena li qegħdin jagħmlu kors ta' studju full-time jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-Extended Training Schemes, iżda eskludi l-Iskemi ta' Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perjodi distinti ta' xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni.	10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €7.94.	10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €7.94.

Nota 1: Jekk il-persuna assigurata tagħżel li tħallas kontribuzzjoni ta' 10% ta' paga bażika jew salarju inqas mill-ekwivalenti tal-Paga Minima Nazzjonali, tali kontribuzzjoni tista', jekk il-persuna tikkwalifika għal benefiċċju kontributorju jew pensjoni kontributorja, tirriżulta fil-pagament ta' benefiċċju kontributorju jew pensjoni kontributorja mnaqqsa.

Att XIX tal-2006.
A.L. 336 tal-2006.

Nota 2: Bis-saħħa tal-Att tal-2006 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda Nru. 2) u l-Avviż ta' bidu fis-seħħ tal-Att tal-2006 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda Nru. 2), li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, b'effett minn Jannar 2024 huwa garantit fl-ammont ta' €27,679.09. Għaldaqstant, dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata

ta' kontribuzzjoni pagabbli.

TAQSIMA II
Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi (Persuni li Jimpjegaw Lilhom Infushom)

Kategorija	Tip ta' Persuni li Jimpjegaw Lilhom Infushom	Rata fil-Ġimgħa ta' kontribuzzjonijiet li jitħallsu minn persuna li timpjega lilha nnifisha
	Persuni li l-qligħ nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju ta' Maternità, Allowance tat-Tfal u kwalunkwe benefiċċju *ex-gratia* li jitħallas taħt l-artikolu 88) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni:	
SP	Teċċedi €1,005 iżda ma teċċedix €10,567.92 (din il-kategorija hija applikabbli biss għal persuni waħedhom li ma jaħdmux għalihom infushom).	€30.48
SA	Ikun inqas minn €12,028.92.	€34.70
SB	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel li l-qligħ nett tagħhom fis-sena jeċċedi €12,028.93 iżda ma jeċċedix €22,000.	L-ekwivalenti fil-ġimgħa ta' 15% tal-qligħ tagħhom fis-sena maħdum sal-eqreb ċenteżmu.
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara li l-qligħ nett tagħhom fis-sena jeċċedi €12,028.93 iżda ma jeċċedix €27,679.08.	
SC	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel li l-qligħ nett tagħhom fis-sena jeċċedi €22,000.01.	€63.46
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara li l-qligħ nett tagħhom fis-sena jeċċedi €27,679.09 **(Vide Nota 1 hawn taħt)**.	€79.84

Nota 1: Bis-saħħa tal-Att tal-2006 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda Nru. 2) u l-Avviż ta' bidu fis-seħħ tal-Att tal-2006 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda Nru. 2), li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, b'effett minn Jannar 2024 huwa garantit fl-ammont ta' €27,679.09. Għaldaqstant, dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata ta' kontribuzzjoni pagabbli.

Att XIX tal-2006.
A.L. 336 tal-2006

TAQSIMA III
Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi (Persuni li Jaħdmu Għalihom Infushom)

Kategorija	**Tip ta' Persuni li Jaħdmu Għalihom Infushom**	**Rata fil-Ġimgħa ta' kontribuzzjonijiet li jitħallsu minn persuna li taħdem għaliha nnifisha**
	Persuni li l-qligħ nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju ta' Maternità, Allowance tat-Tfal u kwalunkwe benefiċċju *ex-gratia* li jitħallas taħt l-artikolu 88) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni:	
SA	Ikun inqas minn €12,028.92.	€34.70 jew 15% tal-qligħ nett fis-sena jekk il-persuna hi mara li timpjega lilha nnifisha fuq bażi part-time, student full-time li jaħdem għalih innifsu fuq bażi part-time, jew pensjonant li jaħdem għalih innifsu fuq bażi part-time li l-qligħ nett tiegħu fis-sena ma jeċċedix €12,028.92 **(Vide Nota 1 hawn taħt)**; jew €23.13 jekk il-persuna hija raħħal jew bidwi full-time li l-qligħ nett tiegħu fis-sena ma jeċċedix €12,028.92.
SB	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel li l-qligħ nett tagħhom fis-sena jeċċedi €12,028.93 iżda ma jeċċedix €22,000. Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara li l-qligħ nett tagħhom fis-sena jeċċedi €12,028.93 iżda ma jeċċedix €27,679.08.	L-ekwivalenti fil-ġimgħa ta' 15% tal-qligħ nett tagħhom fis-sena maħdum sal-eqreb ċenteżmu; jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa ta' 10% tal-qligħ nett fis-sena fil-każ ta' bidwi jew raħħal full-time.

SC	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel li l-qligħ nett tagħhom fis-sena jeċċedi €22,000.01.	€63.46; jew €42.31 fil-każ ta' bidwi jew raħħal full-time
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara li l-qligħ nett tagħhom fis-sena jeċċedi €27,679.09 **(Vide Nota 2 hawn taħt)**.	€79.84; jew €53.23 fil-każ ta' bidwi jew raħħal full-time

Nota 1: Jekk il-persuna assigurata tagħżel li tħallas kontribuzzjoni li hija inqas minn €34.70 fil-ġimgħa, tali rata ta' kontribuzzjoni tista', jekk il-persuna tikkwalifika għal benefiċċju kontributorju jew pensjoni kontributorja, tirriżulta fil-pagament ta' benefiċċju kontributorju jew pensjoni kontributorja b'rata mnaqqsa.

Nota 2: Bis-saħħa tal-Att tal-2006 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda Nru. 2) u l-Avviż ta' bidu fis-seħħ tal-Att tal-2006 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda Nru. 2), li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, b'effett minn Jannar 2024 huwa garantit fl-ammont ta' €27,679.09. Għaldaqstant, dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata ta' kontribuzzjoni pagabbli.

Att XIX tal-2006.
A.L. 336 tal-2006.

TAQSIMA IV
Kontribuzzjoni għall-Fond tal-Leave għal Maternità (Il-Prinċipali)

Kategorija	Tip ta' Persuni Impjegati	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-Prinċipal
A	Persuni taħt it-tmintax (18)-il sena li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar ma jeċċedix €213.54.	€0.20
B	Persuni 'l fuq minn tmintax (18)-il sena li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar ma jeċċedix €213.54.	€0.64

Ċ	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar jeċċedi €213.55 iżda ma jeċċedix €423.07.	0.3% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara li l-paga bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar jeċċedi €213.55 iżda ma jeċċedix €532.28.	
D	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 jew qabel li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar jeċċedi €423.08.	€1.27
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara li l-paga bażika tagħhom fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar jeċċedi €532.29.	€1.60
E	Persuni taħt it-tmintax (18)-il sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta' studju full-time jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-Extended Training Schemes, iżda eskludi l-Iskemi ta' Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perjodi distinti ta' xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni.	0.3% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika tagħhom fix-xahar sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €0.13

F	Persuni ’l fuq minn tmintax (18)-il sena li qegħdin jagħmlu kors ta’ studju full-time jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-Extended Training Schemes, iżda esklużi l-Iskemi ta’ Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perjodi distinti ta’ xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni.	0.3% maħduma sal-eqreb ċenteżmu tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika tagħhom fix-xahar sa rata massima ta’ kontribuzzjoni ta’ €0.24.

KONTRIBUZZJONIJIET AKKREDITATI

TAQSIMA V
Perjodi ta’ Studju

Livell ta’ studju *	**Persuni li twieldu bejn 1/1/1952 u 31/12/1961**	**Persuni li twieldu fl-1/1/1962 jew wara**
Tagħlim Tul il-Ħajja	Xahar għal kull sena ta’ studju	Xahar għal kull sena ta’ studju
Livell 5	Xahrejn għal kull sena ta’ studju	Tliet xhur għal kull sena ta’ studju
Livell 6	Tliet xhur għal kull sena ta’ studju	Sitt xhur għal kull sena ta’ studju
Livell 7	Tliet xhur għal kull sena ta’ studju	Sitt xhur għal kull sena ta’ studju
Livell 8	Sitt xhur għal kull sena ta’ studju	Sena għal kull sena ta’ studju

*Skont l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta’ Kwalifiki (Kapitolu 451 tal-Liġijiet ta’ Malta).".

8. It-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

Jissostitwixxi t-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

"IT-TNAX-IL SKEDA
(artikoli 17, 26, 29, 31, 33, 40, 44, 50, 54, 63, 64, 67, 85, 90A)

Rati ta’ Diversi Tipi ta’ Pensjonijiet

A. Rati sħaħ ta’ Pensjoni Għal Min Jirtira fil-ġimgħa, inklużi kwalunkwe żidiet taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A, meta l-

medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun ta' 50 jew iktar:

Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu Pensjoni tas-Servizz li titħallas minn, jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit		**Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu Pensjoni tas-Servizz li ma titħallasx minn jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit**	
Persuna miżżewġa li tkun qiegħda tmantni lill-konjuġi	Kwalunkwe persuna oħra	Persuna miżżewġa li tkun qiegħda tmantni lill-konjuġi	Kwalunkwe persuna oħra
€155.96	€135.71	€150.23	€133.11

B. Rati sħaħ ta' Pensjoni Miżjuda Għal Min Jirtira, Pensjoni Għal Invaliditá, Pensjoni Miżjuda Għal Invaliditá, Pensjoni Minima Nazzjonali u Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda fil-ġimgħa, inkluża kwalunkwe żidiet taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun 50 jew iktar:

Tip ta' Pensjoni	**Persuna miżżewġa li tkun qiegħda tmantni lill-konjuġi**	**Kwalunkwe persuna oħra**
Pensjoni Miżjuda Għal Min Jirtira	€190.50	€166.07
Pensjoni Għal Invaliditá	€137.99	€124.84
Pensjoni Miżjuda Għal Invaliditá	€172.26	€148.97
Pensjoni Minima Nazzjonali*	€182.04	€147.61
Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda	€190.50	€166.07

*Ir-rati sħaħ tal-Pensjoni Minima Nazzjonali huma maħduma bir-rata ta' erbgħa minn ħamsa (sal-eqreb ċenteżmu sħiħ) tal-Paga Minima Nazzjonali fil-każ ta' persuna miżżewġa li tkun qiegħda

tmantni lill-konjuġi u bir-rata ta' żewġ terzi (sal-eqreb ċentemu sħiħ tal-Paga Minima Nazzjonali) fil-każ ta' kwalunkwe persuna oħra, skont kif provdut fl-artikolu 50.

Ċ. Livell Minimu Garantit fil-ġimgħa meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati tkun 50 jew aktar:

Persuna miżżewġa	**Persuna mhux miżżewġa**
€198.50*	€194.50*

*L-ammonti jinkludu r-rata ta' pensjoni fil-ġimgħa u l-bonus għall-għoli tal-ħajja.

D. Rati mnaqqsa ta' Pensjoni Għal Min Jirtira, Pensjoni Miżjuda għal Min Jirtira, Pensjoni Għal Invaliditá, Pensjoni Miżjuda Għal Invaliditá, Pensjoni Minima Nazzjonali u Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda fil-ġimgħa, inkluża kwalunkwe żidiet taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun bejn 20 u 49:

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	**Rata ta' pensjoni li titħallas fil-ġimgħa (maħduma sal-eqreb ċenteżmu sħiħ)**
40 - <50	[{FAP – INC} x 0.89] + INC
30 - <40	[{FAP – INC} x 0.69] + INC
20 - <30	[{FAP – INC} x 0.49] + INC

Għall-finijiet tat-Tabella ta' hawn fuq, "FAP" tfisser ir-rata sħiħa tar-rata applikabbli ta' pensjoni fil-ġimgħa skont it-Tabelli A jew B, skont il-każ, u "INC" tfisser iż-żidiet kollha mogħtija skont l-artikolu 90A b'effett mill-1 ta' Jannar 1994 u snin sussegwenti.

E. Rati ta' Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda għall-Invaliditá skont l-artikolu 26 dovuta fejn l-ogħla valutazzjoni ta' indeboliment skont ir-Regolamenti dwar Tabelli għal Valutazzjoni ta' Indeboliment tingħata mid-Direttur wara konsultazzjoni dwar l-aspett mediku tat-talba skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106 u skont il-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati fis-sena: L.S. 318.21.

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda għall-Invaliditá
> 50	€ 198.90
40 - 49	€ 189.22
30 - 39	€ 174.69
20 – 29	€ 160.16

F. Pensjoni fil-Livell Minimu Garantit fil-ġimgħa inkluż il-bonus għall-għoli tal-ħajja u kwalunkwe żieda oħra skont l-artikolu 90A, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun bejn 20 u 49:

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Livell Minimu Garantit fil-ġimgħa (maħduma sal-eqreb ċenteżmu sħiħ)
40 - <50	LMG x 0.94
30 - <40	LMG x 0.85
20 - <30	LMG x 0.76

Għall-finijiet tat-Tabella hawn fuq, "LMG" tfisser ir-rata sħiħa ta' Livell Minimu Garantit inkluż il-bonus għall-għoli tal-ħajja fil-ġimgħa skont it-Tabella Ċ.

G. Rati ta' Allowance Addizzjonali għall-Pensjoni Minima Nazzjonali fil-ġimgħa:

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	Persuna miżżewġa li qiegħda tmantni lill-konjuġi	Kwalunkwe persuna oħra
50 (rata sħiħa)	€4.78	€7.43

40 - <50	€4.26	€8.57
30 - <40	€3.31	€10.72
20 - <30	€5.64	€12.81

H. (i) Rati mnaqqsa ta' Pensjoni tar-Romol fil-ġimgħa, inkluża kwalunkwe żidiet taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun bejn 20 u 49:

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	**Rata ta' Pensjoni li titħallas fil-ġimgħa (maħduma sal-eqreb ċenteżmu sħiħ)**
40 - <50	[{FWP - (INC + €17.77)} x 0.89] + INC + €17.77
30 - <40	[{FWP - (INC + €17.77)} x 0.69] + INC + €17.77
20 - <30	[{FWP - (INC + €17.77)} x 0.49] + INC + €17.77

Għall-finijiet tat-Tabella ta' hawn fuq, "FWP" tfisser ir-rata sħiħa ta' Pensjoni tar-Romol skont it-Tabella Ċ u "INC" tfisser iż-żidiet kollha mogħtija skont l-artikolu 90A b'effett mill-1 ta' Jannar 1994 u snin sussegwenti; filwaqt li l-ammont ta' €17.77 jirrappreżenta r-rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni Supplimentari tar-Romol li sas-sena 1990 kienet titħallas lir-romol li kienu qegħdin jirċievu Pensjoni tar-Romol irrispettivament mill-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati, liema ammont fil-ġimgħa kien, b'effett mis-sena 1991, inkorporat mar-rati li jitħallsu bħala Pensjoni tar-Romol.

(ii) B'effett mis-sena 2022, rati mnaqqsa ta' Pensjoni tar-Romol għandhom jiżdiedu b'dan il-proporzjon minn 5/6 għal 6/6 kif indikat:

Sena	Proporzjon
2022	0.57406
2023	0.59257
2024	0.61111

B 76

I. Rata ta' Pensjoni ta' Ġenitur fil-ġimgħa, inkluża kwalunkwe żieda taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A:

Persuna miżżewġa li qiegħda tmantni lill-konjuġi	**Kwalunkwe persuna oħra**
€182.04	€147.16

J. Rata ta' Pensjoni tar-Romol u Allowance Addizzjonali għas-Superstiti fil-ġimgħa:

Meta armla jew armel ikunu intitolati għal allowance taħt l-artikolu 31(a)	**Meta armla jew armel ikunu intitolati għal allowance taħt l-artikolu 31(b)**
€10.00	€10.00

K. L-Ogħla Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni ta' Żewġ Terzi:

Persuna li kkwalifikat għall-ogħla rata ta' Pensjoni ta' Żewġ Terzi qabel l-2006	**Kwalunkwe persuna oħra**
€282.05	€281.64

L. Il-Bonus għall-Għoli tal-Ħajja

Kategorija ta' Pensjonant	**Fil-każ ta' persuna miżżewġa li tkun qiegħda tmantni lill-konjuġi u li kienet tirċievi l-Pensjoni Minima Nazzjonali qabel il-31 ta' Diċembru 2017**	**Kwalunkwe persuna oħra**
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni tagħhom hija qabel it-3 ta' Jannar 2009.	€17.43 fil-ġimgħa	€21.53 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn it-3 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009.	€17.08 fil-ġimgħa	€20.71 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni tagħhom taħbat bejn it-2 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010.	€16.60 fil-ġimgħa	€19.69 fil-ġimgħa

Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011.	€15.91 fil-ġimgħa	€18.22 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012.	€15.81 fil-ġimgħa	€17.96 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013.	€15.27 fil-ġimgħa	€16.80 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014.	€14.79 fil-ġimgħa	€15.78 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Diċembru 2015.	€14.39 fil-ġimgħa	€14.92 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Diċembru 2016.	€14.35 fil-ġimgħa	€14.81 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Diċembru 2017.	€14.08 fil-ġimgħa	€14.41 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Diċembru 2018.	€14.05 fil-ġimgħa	€14.05 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019.	€13.68 fil-ġimgħa	€13.68 fil-ġimgħa
Għal pensjonanti li d-data tal-għoti inizjali tal-pensjoni taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2024.	€13.17 fil-ġimgħa	€13.17 fil-ġimgħa".

Jemenda l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

9. L-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-titolu u t-Taqsima I tagħha għandhom jiġu sostitwiti bit-titolu u t-Taqsima I ġodda li ġejjin:

B 78

"L-ERBATAX-IL SKEDA
(artikoli 30, 70, 72, 73, 76, 76A, 77, 80)

Rati ta' Diversi Tipi ta' Allowances, Benefiċċju dwar il-Maternità u Għotja għal Żwieġ

TAQSIMA I
Rata fil-ġimgħa ta' Allowance li titħallas lil residenti ta' komunità terapewtika skont l-artikolu 30(9)

€40.00"; u

(b) it-Taqsimiet III, IV, V, VI, VII u VIII tagħha għandhom jiġu sostitwiti bit-Taqsimiet ġodda li ġejjin:

"TAQSIMA III
Somma f'daqqa għal darba li titħallas bħala Għotja għal Żwieġ skont l-artikolu 70

€332.58

TAQSIMA IV
Rata fil-ġimgħa ta' Benefiċċju dwar il-Maternità li titħallas skont l-artikolu 72(1)

Għal nisa li jimpjegaw lilhom nfushom	**Għal nisa oħrajn**
€213.54	€132.05

Rata fil-ġimgħa ta' Benefiċċju għal Leave dwar Maternità li titħallas skont l-artikolu 72(4)

€213.54

TAQSIMA V
Allowance Supplimentari

Tabella A

STAT	L-ogħla dħul stmat fis-sena li jista' jiġi riċevut għal finijiet ta' jedd. (B'dan illi kwalunkwe dħul stmat taħt €8,360 għandu jitqies bħala ekwivalenti għal €8,360)	L-ogħla allowance li tithallas	L-ogħla ammont fis-sena ta' allowance li tithallas
Persuna miżżewġa li tkun qiegħda tmantni lill-konjuġi u li ma tkunx intitolata għal allowance taħt l-artikolu 76 jew ġenitur singlu li ma jkunx intitolat għal allowance taħt l-aritkolu 76.	€13,819 - €15,748	€418.60	Ekwivalenti għal 3% tad-differenza bejn €27,776 u d-dħul stmat attwali fis-sena.
Persuna miżżewġa li tkun qiegħda tmantni lill-konjuġi u li ma tkunx intitolata għal allowance taħt l-artikolu 76 jew ġenitur singlu li ma jkunx intitolat għal allowance taħt l-artikolu 76.	€13,819	€1,099.28	Ekwivalenti għal 5.90% tad-differenza bejn €27,776 u d-dħul stmat attwali fis-sena.
Pensjonant waħdu li jirċievi Pensjoni Minima Nazzjonali jew rata ekwivalenti.	€11,651	€598.00	Ekwivalenti għal 4.28% tad-differenza li jiksbu bejn €23,116 u d-dħul stmat attwali fis-sena.

Persuna Waħedha li tifforma familja għal rasha.	€11,651	€598.00	Ekwivalenti għal 4.28% tad-differenza li jiksbu bejn €23,116 u d-dħul stmat attwali fis-sena sa rata massima ta' €11.50 fil-ġimgħa.
Persuna Waħedha li ma tiffurmax familja għal rasha li d-dħul minn xogħol bi qligħ ma jkunx jeċċedi l-Paga Minima Nazzjonali	€11,651	€126.36	

Ma jinkiseb l-ebda jedd għal allowance taħt din it-Taqsima meta d-dħul stmat fis-sena jeċċedi l-ammonti massimi indikati hawn qabel, skont il-każ.

B'effett mis-sena 2021, persuna miżżewġa jew persuna waħedha li tkun laħqet l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena u tissodisfa l-parametri fit-Tabella A għandha tkun eliġibbli għall-pagament addizzjonali ta' €150 fis-sena.

TAQSIMA VI
Allowance tat-Tfal

A. Fejn l-ogħla dħul stmat fis-sena għall-finijiet ta' jedd ikun €27,006.12 jew inqas. (B'dan illi kwalunkwe dħul taħt €7,741.12 għandu jitqies bħala ekwivalenti għal €7,741.12)	
	Rata ta' persentaġġ li titħallas bħala allowance fuq id-differenza bejn id-dħul stmat fis-sena u €27,006.12
Tfal taħt sittax (16) -il sena fil-familja.	6.5% għal kull tali wild

'Il fuq minn sittax (16)-il sena iżda taħt il-wieħed u għoxrin (21) sena li jkunu għadhom jattendu kors ta' studju jew tagħlim full-time f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta mill-Gvern skont l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 607) u li ma jkunx qiegħed jirċievi xi forma ta' rimunerazzjoni jew allowance jew li jkunu reġistrati bħala persuna mingħajr xogħol taħt it-Taqsima I tar-reġistru u qatt ma ħadem bi qligħ.	2% għal kull tali wild
'Il fuq minn sittax (16)-il sena iżda taħt il-wieħed u għoxrin (21) sena u li jkunu reġistrati bħala persuna mingħajr xogħol taħt it-Taqsima I tar-reġistru tax-xogħol miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ (Kap. 594) u li qatt ma jkunu ħadmu bi qligħ, u li ma jkunux qegħdin jirċievu xi benefiċċju, pensjoni jew għajnuna li titħallas taħt dan l-Att.	2% għal kull tali wild

1. Allowance li titħallas lil familja taħt it-Tabella A ta' hawn fuq fl-ebda każ ma għandha, irrispettivament mid-dħul stmat fis-sena tal-familja, tkun inqas mir-rata ta' Allowance tat-Tfal Fissa speċifikata fit-Tabella B.

2. Allowance li titħallas lil familja taħt it-Tabella A hawn qabel, li d-dħul tagħha minn impjieg ma jeċċedix il-Paga Minima Nazzjonali, f'ebda każ ma tista' tkun inqas mill-ogħla rata.

B. Fejn l-ogħla dħul stmat fis-sena jkun aktar minn €27,006.12	
	Allowance tat-Tfal Fissa
Tfal taħt sittax (16)-il sena fil-familja.	€8.66 fil-ġimgħa għal kull tali wild

Ċ. Fejn studenti jkomplu jattendu full-time edukazzjoni post-sekondarja	
	Rata ta' benefiċċju
Tfal 'il fuq minn sittax (16)-il sena iżda taħt il-wieħed u għoxrin (21) sena u li jkunu għadhom jattendu kors ta' studju jew tagħlim full-time post-sekondarju f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta mill-Awtortità Maltija għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.	€500 kull sena għal tliet (3) snin tal-kors ta' studju li jkunu qed jattendu (jekk ikunu fl-ewwel sena).

Tfal ’il fuq minn sittax (16)-il sena iżda taħt il-wieħed u għoxrin (21) sena u li jkunu għadhom jattendu kors ta’ studju jew tagħlim full-time post-sekondarju f’istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta mill-Awtortità Maltija għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.	€500 kull sena għal sentejn (2) tal-kors ta’ studju li jkunu qed jattendu (jekk ikunu fit-tieni sena).
Tfal ’il fuq minn sittax (16)-il sena iżda taħt il-wieħed u għoxrin (21) sena u li jkunu għadhom jattendu kors ta’ studju jew tagħlim full-time post-sekondarju f’istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta mill-Awtortità Maltija għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.	€500 għal sena (1) tal-kors ta’ studju li jkunu qed jattendu (jekk ikunu fit-tielet sena).

TAQSIMA VII
Rata fil-ġimgħa għal kull wild, ta’ Allowance għal Wild b’Diżabilità skont l-artikolu 77

€30.00

TAQSIMA VIII
Rata fil-ġimgħa għal kull wild ta’ Allowance għal Min Jieħu Ħsieb skont l-artikolu 76A

€110.00

Allowance li titħallas taħt din it-Taqsima għandha tibqa’ titħallas meta l-wild ikollu ’l fuq minn sittax (16)-il sena iżda taħt il-wieħed u għoxrin (21) sena.".